MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 173/2007

**Joseph Ayling**

**vs**

**Kelly Galea**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3494.06) gja LM 1500 rapprezentanti debitu dovut mill-konvenuta u cioe' bilanc rimanenti fuq ammont akbar konsistenti f'sehem l-attur tan-negozju tieghu relatat mall-monti, inkluz *'stock'* u *'equipment'* li gie trasferit u kkonsenjat lill-konevnuta.

Illi dan id-debitu da parte tal-konvenuta huwa cert, likwidu u dovut.

Bl-Ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Jannar, 2007 (nru 96/07) kif ukoll l-imghaxijiet kollha relattivi mill-14 ta' Ottubru, 2006 kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccipixxiet illi t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi michuda bl-ispejjjez kontra l-istess attur stante illi l-konvenuta mhijiex debitrici tal-attur.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Ra l-affidavit u sema x-xhieda  ta' Joseph Ayling, Nutar Peter Carbonaro, Maurizio Zahra, Kelly Galea u Loredana Chisari.

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRA**

Din il-kawza tittratta dwar talba hlas ta' debitu lill-attur mill-konvenuta, liema debitu gie michud mill-konvenuta. Il-partijiet kienu ghamlu xi zmien f'relazzjoni u kien f'dan  il-perjodu lli l-partijiet kienu allegatament  dahlu f'negozju bejniethom u bdew jarmaw u jbieghhu minn fuq il-monti. L-attur isostni illi huwa kien bi shab mall-konvenuta fil-waqt illi l-konvenuta cahdet illi hija kienet bi shab mieghu izda kienet biss tghinu fuq il-monti minghajr ebda kumpens.

It-Tribunal jirrilleva illi t-talba tal-attur giet amplifikata skond prospett ezebit mill-attur u li gie spjegat dettaljament minnu fix-xhieda tieghu.

It-Tribunal sema' x-xhieda  u jirrilleva illi hlief ghall-affidavit tan-Nutar, ihoss illi x-xhieda moghtija quddiemu ma kienux konvincenti u holqu lit-Tribunal dubbji dwar il-veracita' kollha   taghhom.

Illi fil-kaz tal-attur jidher illi huwa minnu illi jezisti ammont dovut mill-konvenuta izda mill-provi migjuba quddiem dan it-Tribunal, jidher illi mhux necessarjament dak kollu li

huwa mitlub huwa debitu tal-kontro parti. Min naha l-ohra, l-konvenuta sostniet illi hija kellha thallsu biss certu ammont u mhux dak kollu li kien qieghed jintalab mill-attur, u li kienet saldat id-debitu taghha meta hija allegatament hallsitu ‘in kontanti’ permezz ta’ ‘*envelope’* mghoddi lilu waqt diskussjoni waqt ix-xoghol fuq il-monti. L-uniku xhud prodott mill-konvenuta in sostenn ta’ dan il-fatt qalet illi hija rat lill-konvenuta tghaddi lill-attur *‘envelope’* izda ma setghetx tikkonfema x’kien hemm fl-*‘envelope.*’ It-Tribunal ikkonkluda illi l-uniku xhud prodott mill-konvenuta ma kienx konvincenti.

In oltre, l-uniku xhud  prodott mil-attur kien kuginuh Maurizio Zahra li ‘*piu  o meno’* ikkonferma dak li kien intqal mill-attur fl-affidavit tieghu, izda meta konfrontat in kontro ezami ‘*viva voce’,* it-Tribunal hass illi ix-xhieda ta’ Zahra giet kompromessa.

It-Tribunal jirrilleva illi meta l-partijiet  gew biex jinfirdu u jaqsmu negozju li skond il-verzjoni tal-konevnuta hija cahdet illi qatt kienet bi shab mal-attur dawn qassmu l-affarijiet minghajr ma ghamlu prospett jew gabu stima bil-miktub tal-affarijiet li kienu qieghdin jaqsmu bejniethom. Skond il-verzjoni tal-attur il-konvenuta kienet taf li kienet bi shab mieghu fin-negozju tal-monti. Huwa sostna li  mal-firda, meta qassmu n-negozju taghhhom,  Galea hadet valur ta’ LM1650 li minnhom thallsu biss LM150 ta’ dak iz-zmien. Il-konvenuta sostniet illi hija ma kellhiex taghtih dak l-ammont izda kellha taghtih biss LM550 li kien ghall-‘istock’ u xi ‘*equipment’* ghall-armar tal-monti li kienet fil-frattemp bieghet. Mill  LM550 allegatament  dovuti minnha hija sostniet li hallset LM150 u l-kumplament hallsithom in kontanti permezz ta’ ‘*envelope’*  li gie mghoddi lill-attur meta hu mar ghall-flus tieghu fuq il-monti. L-attur cahad illi hija qatt ghaddietlu xi flus hlief ghall-LM150.

Mix-xhieda tal-konvenuta, it-Tribunal ikkonstata illi l-attur kien allegatament  zamm xi affarijiet personali appartenenti lill-konvenuta li sal-lum kien ghadu ma rritornax lura lill-konvenuta. It-Tribunal ihoss illi  ghal dina r-raguni jezisti element qawwi ta’ incertezzi bejniethom li wasslet ghal pika bejn il-partijiet tant illi l-veracita’ tax-

xhieda taghhom giet xi ftit kompromessa u wasslithom ukoll sabiex originarjamnet ma jiftiehmux dwar il-qsim.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi meta l-partijiet wasslu sabiex jinfirdu, ghamlu zball li qassmu x-xoghol tal-monti minghajr skrittura privata bejniethom jew minn tall-inqas prospett iffirmat minnhom it-tnejn.. L-attur fiz-zmien tal-firda hass illi seta' jafda lill-konvenuta u li ma kellu bzonn ta' l-ebda skrittura. Maz-zmien beda jinduna illi l-iskrittura kienet necessarja sabiex huwa jigi rizarcit dak li kellhu jiehu izda l-konvenuta ma riedetx tiffirma l-iskrittura minhabba nuqqas ta' qbil.

It-Tribunal huwa tal-fehma lli fin-nuqqas ta' skrittura privata bejniethom, ha jkollu joqghod fuq il-provi migjuba quddiemu. *In oltre* ihoss illi ghandu dubji serji dwar il-kredibilita' tax-xhieda fid-dettal taghhom. Ghalhekk ha jkollu jgharbel id-dokumenti pprezentati quddiemu u jevalwahom fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz.

Mill-provi jirrizulta illi mall- firda l-konvenuta kienet zammet il-vann peress illi kellu l-permess li jidhol il-Belt, Valletta, liema vann baqa' f'isem Maurizio Zahra li kien jghix il-Belt Valletta, zammet ukoll il-karru, it-tinda, il-hadid, il-'*fittings'* u l-armar, u xi '*stock'* . Il-konvenuta stqarret illi hija kienet lesta thallas lil-attur ghall-'*istock'* u ghall-armar, karru u tinda u l-hadid li kienet bieghet. Dwar il-van hija tghid illi peress illi ma kienetx issuq, il-vann baqa' f'garaxx ta' Zahra u li kien gie ritornat lill-attur f'Dicembru tal-2006. Irrizulta ukoll illi l-vann gie mibjugh lill-terzi mill-attur u Zahra fl-istess zmien. Il-konvenuta kienet bieghet l-*'equipment'* tal-Monti bil-prezz tas-suq li kien ferm baxx minn dak allegatament mixtri mill-attur. Illi b'kollox hija kellha thallsu biss ghall-*'equipment'* bil-prezz li kient bieghetu u ghall-'*istock*' li hadet maghha. Il-konvenuta sostniet illi hija kellha thallsu biss is-somma ta' LM550 ta' dak iz-zmien li minnhom thallsu Lm150. Il-kumplament hija kienet ghaddiethomlu *f'envelope* quddiem il-habiba taghha Loredana Chisari waqt ix-xoghol fuq il-Monti.

L-attur talab il-flus ghall-vann, kontijiet tal-VAT, '*stock*', armar, hwejjeg mill-Grecja, permess ta' nhar ta' Hadd, flus

kontanti, karru tinda u hadid. Ghalkemm fil-prospett ezebit mill-attur hemm imnizzel total ta' LM4000, sabiex wasal ghall-ammont tat-talba, l-attur naqqas l-ammonti li kienu jsejjhu lilu biss bhall-permess tal-monti ta ' nhar ta' Hadd.

It-Tribunal jirrilleva illi fil-mori tal-kawza l-partijiet qatt ma gabu ebda ricevuta in sostenn tal-oggetti mibjugha jew mixtrija minnhom, bhal per ezempju l-bejgh u x-xiri tal-vann, ix-xiri tal-karru, hadid ta' l-armar u '*fittings'* u *l 'equipment'* varju. *In oltre*, ma hemm ebda ftehim bil-miktub tal-qsim. Dan in-nuqqas, flimkien max-xhiedha dubjuza tal-partijiet kif ukoll tax-xhieda ta' terzi ma jiffacilitax il-kompitu tat-Tribunal.

Il-prospettt prodott mill-attur jelenka d-debiti. Illi dwar il-vann, ma hemmx dubju lli l-konvenuta irritornat l-vann lura lill-attur u dana iddispona minnu. Illi dwar il-hwejjeg mixtrija mill-Grecja u mhallsa minnu t-Tribunal jidhirlu lli din il-merkanzija kienet inbieghet waqt li l-partijiet kienu flimkien. Dwar il-kontijit tal-VAT it-Tribunal huwa tal-fehma lli dawn il-kontijiet m'ghandhomx isejjhu lill-konvenuta. Dwar il-karru, tinda , hadid, *'fittings'* u armar, ma ngabet ebda dokumentzzjoni li tipprova l-prezz li nxtraw bih mill-attur u li sussegwentement inbieghu mill-konvenuta. Ghalkemm jidher li hemm qbil dwar kemm kienu nxtraw dawn l-ahhar oggetti. Illi l-permess ta' nhar ta' Hadd gie kkjarifikat mill-attur u li m'ghandux jifforma parti mid-debitu dovut mill-konvenuta. Ma hemmx qbil dwar l-valur tal-'*stock'* u dwar l-ammont ta' flus kontanti.

Illi wara li nstemghu l-provi tal-partijiet u t-Tribunal gharbel x-xhieda dokumentali, it-Tribunal ha jiehu in konsiderazjoni biss it-talba ghal nofs l-ammont tal-karru, tinda u l-hadid, '*fittings'* u armar u l-'*istock'*, kif ukoll flus kontanti li b'kollox ikkonkluda ghandhom jammontaw ghal LM1535 ta' dak iz-zmien. Illi ghalhekk sehem il-konvenuta kellu jkun ta' LM767.50 ta' dak iz-zmien.

Huwa minnu illi l-konvenuta hallset LM150 lill-attur, izda t-Tribunal m'huwiex qed jemmen lill-konvenuta meta hija sostniet illi kienet hallset lill-attur in kontanti u li kienet ghaddiet flus kontanti *f''envelope'*. In konkluzjoni, it-

Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenuta ghandha taghti lill-attur fis-somma ta' LM617.50 ta' dak iz-zmien.

Ghaldaqstant it-Tribunal, ha jirriduci s-somma mitluba mill-attur ghal €1438.39 gja LM617.50.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' in parti t-talba tal-attur u jikkundanna l-konvenuta thallas lill-attur f'somma ridotta ta' elf erba'mija tmienja u tletin ewro u disgha u tletin centezmu (€1438.39) gja LM617.50 bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Minhabba ic-cirkostanzi tal-kaz ikun ekwu u gust li l-ispejjez ikunu a karigu taz-zewg partijiet, f'partijiet indaqs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------